

Il-Papa qed jistedinna matul ix-xahar ta' Jannar sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu biex l-insara kollha jkunu fidili għat-tagħlim ta' Kristu, biex jirsistu bit-talb u l-imħabba t'aħwa ħalli terġa' sseħħ l-għaqda bejn il-knejjes u flimkien jiffaċċjaw l-isfidi tal-umanità.

**Qari:** *Qari mid-diskors ta' Patri Cantalamessa, predikatur tal-Papa, fil-ftuħ tas-Sinodu Anglikan f'Novembru 2015*

"Aħna lkoll mehdijin il-ħin kollu fil-problemi u l-interessi tal-parroċċa tagħna, tad-djoċesi, tal-komunità – u wkoll tad-denominazzjoni Nisranija Tagħna; għalhekk nitilfu t-triq biex nibnu d-dar waħdanija ta' Alla, li hija l-Knisja.

"Waqt li d-dinja Nisranija qed tħejji ruħha biex tiċċelebra l-ħames ċentinarju tar-Riforma Protestanta, hija ħaġa vitali għall-Knisja kollha li ma nitilfux din l-opportunità minħabba dawk li jridu jibqgħu priġunieri tal-imgħoddi, u jippruvaw jisħqu fuq it-tajjeb u l-ħażin ta' dak u tal-ieħor. Ejjew nagħmlu pass ta' kwalità 'l quddiem… Il-qagħda llum inbidlet b'mod drammatiku minn dakinhar… Jeħtieġ nibdew mill-ġdid mill-persuna ta' Ġesù, fil-waqt li bl-umiltà kollha nippruvaw ngħinu lin-nies ta' żmienna jagħmlu esperjenza ta' laqgħa personali miegħu… Jeħtiġilna mmorru lura lejn żmien l-appostli. Huma wkoll ħabbtu wiċċhom ma' dinja li ma kenitx Nisranija; aħna qegħdin niffaċċjaw fil-wisa' dinja post-Kristjana.

Dan ma jfissirx li nwarrbu l-għana kbir teoloġiku u spiritwali li ġie mir-Riforma, jew li nixtiequ mmorru lura għaż-żminijiet ta' qabilha. Ifisser li d-dinja Nisranija kollha tislet il-ġid minn dak li twettaq sakemm jitwarrab ċertu tagħwiġ li seħħ b'effett tal-atmosfera sħuna taż-żmien u l-kontroversji ta' wara.

Hemm il-ħtieġa li lkoll inqiegħdu flimkien dak li jgħaqqadna bla ma nimponu l-uniformità, imma *nirrikonċiljaw id-diversitajiet tagħna.* Fl-għajnejn ta' ħafna, ħutna Nsara qed jinqatlu *għax huma Nsara. F'għajnejhom aħna ġa ħaġa waħda! Ejjew inkunu wkoll ħaġa waħda għal xulxin u quddiem Alla.*

Mulej, aħna suppost ilkoll insara,
ilkoll nemmnu li Ġesù hu s-Salvatur tagħna.
Nemmnu li hu magħna għal dejjem
u, ħaġa tal-għaġeb, aħna mifrudin!
Mhux hekk biss, iżda ħafna drabi nħarsu b'suspett lejn xulxin.
Kif qalu l-Papa Franġisku u dan il-patri,
f'għajnejn ta' ħafna aħna diġa' ħaġa waħda,
għax ħafna qed jinqatlu għax huma Nsara.

Qed jaħarqulhom djarhom u l-knejjes tagħhom,
mhux għax huma Kattoliċi jew Anglikani jew Ortodossi jew Kopti,
iżda għax huma Nsara, għax jemmnu fik, Ġesu'.
Mulej Ġesù, inti wkoll għext fi żmien fejn il-Lhud u s-Sammaritani
ma tantx kienu jinġiebu.
Iżda int ma kontx tħalli dawn l-affarijiet jinkwetawk jew ifixkluk.
Lis-Samaritan it-tajjeb pinġejtu bħala raġel mimli ħniena,
bil-kuntrarju tat-tnejn l-oħra li kienu Lhud,
li dawru wiċċhom in-naħa l-oħra u li ma għenux lill-proxxmu tagħhom.
L-istess meta ltqajt mal-mara Samaritana ħdejn il-bir.
Ma qgħadtx taħseb li ser toħloq skandlu għax kont tkun qed tkellimha.
Għax għalik, Mulej Ġesù, l-importanti l-qalb niedma u mimlija mħabba.
Li jgħodd għalik mhux li nitolbu u ma nagħmlu xejn iktar.
Iżda li naħdmu biex niksbu l-għaqda, il-ġustizzja u l-paċi.
Għalik mhux il-kliem jgħodd, imma l-fatti.
Mulej, għinna ħalli ma nibqgħux priġunieri tal-passat.
Għinna ħalli nfittxu dak li jgħaqqadna,
U biex noħolqu flimkien proġetti ta' fejda, ta' ġustizzja,
u ta' għajnuna għall-oħrajn.
Agħtina l-kuraġġ biex inkunu qed nixbhu lilek
u biex inkunu xhieda tiegħek
f'dinja li qed twarrab it-tagħlim tiegħek.
Għinna ħalli ngħinu lil xulxin
sabiex ikollna esperjenza personali miegħek.
Għinna niżirgħu u nfittxu dak li jgħaqadna, u nwarrbu fil-ġenb dak li jifridna.

**KANT**

Qari mill-Current Issue ta' Jannar 2017

Stephen Evans kien ingħaqad man-*Network Dinji ta' Talb mal-Papa* fuq stedina ta' ħabibu James Crawford. Għall-ewwel Stephen ma riedx jaf, għax kien jassoċċja dan il-moviment max-xjuħ. Minkejja dan, beda jattendi l-laqgħat tas-sezzjoni taż-żgħażagħ, il-Eucharistic Youth Movement (EYM). Bil-mod il-mod beda jieħu l-affarijiet bis-serjetà. Irrealizza li jekk kien se jimpenja ruħu tassew, kellu jsib mezz kif, fil-komunità li jgħix fiha, jiffaċċja u jipprova jtaffi ftit milll-isfidi tal-umanità li jpoġġilna quddiemna l-Papa kull xahar. F'Jannar tas-sena l-oħra Stephen xtaq jagħmel xi ħaġa konkreta biex jgħix il-fehma tal-Papa għal dak ix-xahar, li kienet *biex id-djalogu sinċier bejn nies ta' reliġjonijiet differenti jħalli frott ta' paċi u ġustizzja.* Ħares madwaru u nduna li ftit 'il bogħod minnhom kien hemm familja Protestanta. Kienu jidhru li kienu għaddejjin minn

xi diffikultajiet, u t-tlett itfal kienu jgħixu mal-omm biss, għax missierhom kien telaqhom. Wieħed mit-tfal, Mark, kien daqsxejn ta' ġuvnott bħalu, u kien donnu se jaqbad kumpanija ħażina. Stephen beda jaħseb x'jista' jagħmel. Tkellem mal-ġenituri, għax l-ommijiet kienu jafu lil xulxin, peress li kienu jaħdmu flimkien fl-istess kumpanija. Iddeċidew li jissapportjaw lil din il-familja, u għalhekk omm Stephen stiednet lill-familja għal barbecue. Stephen ħa din l-opportunità u stieden lil Mark biex jibda jmur jilgħab il-basketball miegħu. Maż-żmien tant saru ħbieb li Mark xi kultant kien imur miegħu għal-laqgħat tal-EYM. Kemm ferħet omm Mark meta rat li kien telaq il-kumpanija ħażina li kien se jaqbad u kemm apprezzat is-sapport li l-familja ta' Stephen kienet qed toffrilhom.

Mulej Ġesù, inti żgur li m'intix kontra d-djalogu bejn l-insara,
iżda żgur li mhux biss tixtieq tarana iktar magħqudin,
imma tixtieq tarana wkoll ngħinu u nissapportjaw lil xulxin;
tixtieq tarana nżommu id xulxin matul il-vjaġġ tal-ħajja.
Mulej, inti tlabt lil Missierek
biex ilkoll inkunu ħaġa waħda miegħek.
Agħtina l-kuraġġ ħalli naħdmu bla heda
biex isseħħ l-għaqda bejn l-insara kollha fid-dinja.
Ħeġġiġna, nitolbuk, bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu
ħalli ma nibżgħux nitolbu flimkien
u sabiex nirsistu biex nikkoperaw bejnietna f'kull ċirkustanza.
B'hekk, permezz ta' atti ta' karità u ta' solidarjetà ma' xulxin
u ma' min hu fil-bżonn fil-komunitajiet fejn ngħixu,
inwittu t-triq għall-għaqda bejnietna l-Insara.
Mulej, agħtina s-sabar
biex nisimgħu u nitgħallmu minn xulxin
biex b'hekk ngħinu lil xulxin u ngħixu fis-sliem,
u nimpenjaw ruħna biex naħdmu
għall-ġid komuni madwar id-dinja kollha.

**KANT**

**Nitolbu Flimkien**

Nitolbuk Mulej, flimkien mal-Papa, sabiex l-insara kollha jkunu fidili għat-tagħlim ta' Kristu, biex jirsistu bit-talb u l-imħabba t'aħwa ħalli terġa' sseħħ l-għaqda bejn il-knejjes u flimkien jiffaċċjaw l-isfidi tal-umanità.
Nitolbu …. Ismagħna nitolbuk Mulej

Nitolbuk Mulej sabiex nirrealizzaw li l-paċi, il-ġustizzja u l-għaqda huma r-responsabbiltà ta' kull wieħed u waħda minna u li lkoll kemm aħna għandna mhux biss nitolbu għall-paċi, il-ġustizzja u l-għaqda, iżda għandna l-obbligu li naħdmu għalihom.
Nitolbu …. Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex, permezz tal-ħidma tagħna fost l-insara, inkunu qed naħdmu għall-għaqda bejnietna u b'hekk insiru bennejja u mhux qerrieda tal-knisja tiegħek.
Nitolbu …. Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu sabiex, permezz tad-djalogu u l-ħidma komuni fil-komunità, nies li ma jitkellmux bejniethom jersqu lejn xulxin, biex isibu mezz sabiex jgħixu flimkien fil-paċi.
Nitolbu…. Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbu sabiex il-mexxejja tar-reliġjonijiet kollha, speċjalment dawk Insara, jkunu għajn ta' tama u dawl fid-dlam, billi jaħdmu sabiex joħolqu djalogu li jwassal biex ilkoll inkunu ta' servizz għal xulxin u naħdmu għall-ġid komuni.
Nitolbu …. Ismagħna nitolbuk Mulej.